

Parti intervenjenti insostenn tal-appellanti: Ir-Repubblika Ċeka (rappreżentanti: M. Smolek, T. Müller, J. Vláčil u D. Hadroušek, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedura: Carl Schlyter (rappreżentanti: S. Schubert, avukat, u O. W. Brouwer, avukat), il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Baquero Cruz, A. Tokár u F. Clotuche-Duvieusart, aġenti), ir-Repubblika tal-Finlandja (rappreżentant: S. Hartikainen, aġent), ir-Renju tal-Iżvezja (rappreżentanti: C. Meyer-Seitz, N. Otte Widgren, U. Persson, A. Falk, E. Karlsson u L. Swedenborg, aġenti)

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Ir-Repubblika Franċiża, Carl Schlyter u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.
- 3) Ir-Repubblika Ċeka għandha tbat l-ispejjeż tagħha.
- 4) Ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Iżvezja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU C 311, 21.09.2015

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa'Awla) tas-7 ta' Settembru 2017 (talba għal deċiżjoni preliminarjari tal-Finanzgericht Düsseldorf – il-Ġermanja) – Hüttenwerke Krupp Mannesmann GmbH vs Hauptzollamt Duisburg

(Kawża C-465/15) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminarjari — Tassazzjoni — Tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u fuq l-elettriku — Direttiva 2003/96/KE — Kamp ta' applikazzjoni — Artikolu 2(4)(b) — Elettriku użat prinċipalment għar-riduzzjoni kimika — Kunċett")

(2017/C 374/04)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Düsseldorf

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Hüttenwerke Krupp Mannesmann GmbH

Konvenut: Hauptzollamt Duisburg

Dispożittiv

It-tielet inċiż tal-Artikolu 2(4)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE, tas-27 ta' Ottubru 2003, li tirrifirma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-elettriku użat għat-tħaddim ta' fannijiet turbo intiżi għall-kompressjoni ta' arja li sussegwentement tintuża f'forn tal-blast fil-proċess ta' produzzjoni ta' ħadid fondut grezz permezz tar-riduzzjoni kimika tal-mineral tal-ħadid ma huwiex "elettriku [...] użat prinċipalment għat-tnaqqis ta' kimiki [riduzzjoni kimika]", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 398, 30.11.2015.